Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10435 — REFRESCO GROUP / HANSA-HEEMANN)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 509/13)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Refresco Deutschland Services & IT GmbH & Co. KG (proprjetà kollha kemm hi ta' Refresco Holding B.V., flimkien "Refresco", in-Netherlands), ikkontrollata bi sħab minn PAI Partners SAS (Franza) u British Columbia Investment Management Corporation (il-Kanada),

— Hansa Heemann AG ("Hansa Heemann", il-Ġermanja).

Refresco takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Hansa Heemann. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' sħma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Refresco: il-produzzjoni u l-ibbottiljar ta' varjetà kbira ta' xorb mhux alkoħoliku għal tikketta privata li tappartjeni għall-bejjiegħa bl-imnut u għas-sidien tad-ditta skont il-manifattura b'kuntratt;

— Hansa Heemann: il-produzzjoni u l-ibbottiljar ta' xorb mhux alkoħoliku, b'mod aktar speċifiku luminati karbonizzati (inklużi xarbiet tal-isports u tal-enerġija karbonizzati), ilma minerali ppakkjat u, sa ċertu punt, tipi oħra ta' luminati mhux karbonizzati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10435 — Refresco Group / Hansa-Heemann

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").